

Brussell, 17 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10326/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0135(NLE)

JAI 696
DROIPEN 103
COPEN 278
COSCE 10

NOTA PUNT "A"

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Laqqha Plenarja tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) jew fil-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-għoti lill-Unjoni ta' status ta' osservatur fil-GRECO - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Irlanda:

"L-Irlanda tinnota li huwa maħsub li l-Kunsill ser jieħu deċiżjoni li tawtorizza l-parteċipazzjoni tal-UE bħala osservatur fil-GRECO, inqas minn tliet xhur wara li ġiet ippreżentata din id-deċiżjoni proposta lill-Kunsill.

F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, konxja mill-importanza tad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill u filwaqt li tagħraf il-ħtieġa li din tkun tista' tiġi adottata malajr, l-Irlanda mhix ser tinsisti, f'dan il-każ, fuq id-dritt tagħha li jkollha tliet xhur li fihom teżerċita l-għażla tal-Irlanda li tinnotifika lill-President tal-Kunsill bix-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Dikjarazzjoni Konġunta mir-Renju Unit u l-Irlanda:

Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom deċiżjoni speċjali skont il-Protokoll 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 jipprovdi lir-Renju Unit u lill-Irlanda perijodu ta' tliet xhur biex jikkunsidraw jekk għandhomx jieħdu sehem f'miżura. Dak il-Protokoll japplika għad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill. Il-Gvern tar-Renju Unit jinnota l-importanza tal-iskrutinju tal-Parlament tar-Renju Unit. Ir-Renju Unit jidispjaċih li ma għiex mogħti t-tliet xhur sħaħ, f'konformità mat-Trattati, biex jieħu deċiżjoni dwar jekk jipparteċipax f'din il-miżura. Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, u mhuwiex ser ikun marbut biha.
